# FIL-QORTI ĊIVILI
# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn, 27 ta' Jannar, 2025

**Kawża Nru. 3**

**Rik. Nru. 20/2024 ISB**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tas-soċjeta' **Bank of Valletta p.l.c.**, tad-29 ta' Frar 2024, li permezz tiegħu hija talbet lil-Qorti sabiex:-

*I. Tordna li l-isem tas-soċjeta' Standing Ovations Company Limited bin-numru ta reġistrazzioni C 47085 li ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru wara t-terminu ta' tlett snin mogħti bil-*

*provediment mogħti minn Din l-Onorabbli Qorti diversament ppreseduta tal-25 ta' Frar 2021, jerġa' jidħol fir-Reġistru tas-Soċjetajiet miżmum mill-intimat ai termini tal-Artikolu 325(4) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta;*

II. *Tordna li r-Reġistratur tal-Qrati jikkonsenja lir-Reġistratur intimat għar-reġistrazzjoni kopja uffiċjali ta' l-Ordni mogħtija fuq it-talba preċedenti;*

III. *Tagħti dawk id-direzzjonijiet u Tagħmel dawk il-provvedimenti li Jidhrilha xierqa u opportuni biex is-soċjeta Standing Ovations Company Limited [C 47085] u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess posizzjoni kemm jista' jkun viċin daqs li kieku l-isem tal-kumpanija Standing Ovations Company Limited [C 47085] qatt ma ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

IV. *Tordna lir-Reġistratur tal-kumpaniji intimat jippubblika Avviz fil-Gażżetta tal-Gvern u fuq il-website miżmuma mill-istess Reġistratur intimat u f'gażżetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f Malta;*

V. *Tordna lir-Reġistratur tal-kumpaniji intimat idaħħal l-isem tal-kumpanija Standing Ovations Company Limited (C 47085) fir-Reġistru minnu miżmum skont il-Liġi.*

U dan wara li ppermettiet:

1. *Illi permezz ta' Provediment mogħti fl-ismijiet, 'Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) kontra Reġistratur tas-Soċjetajiet', Rikors numru 65/2020 JZM, fil-25 ta' Frar 2021 (Dok A) Din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta Ordnat inter alia illi, *Tordna li l-isem tal-kumpannija Standing Ovations Company Limited (C47085) jerġa jidħol fir-Reġistru tal-Kumpanniji u jdum hekk reġistrat għal żmien tliet (3) snin b'effett mid-data illi fiha r-Reġistratur tal-Kumpanniji jagħmel ir-reġistrazzjoni skont kif sejjer jingħad.'*

2. *Illi dan il-Provvediment kien ngħata wara Rikors mressaq mis-soċjeta esponenti, liema talba saret a bażi tal-Artikolu 325(4) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dik il-vertenza l-esponenti ressqet provi sufficenti li juru li kellha l-interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija Standing*

*Ovations Company Limited tħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u Din l-Onorabbli Qorti diversament ppreseduta Kkunsidrat inter alia illi, 'Fix-xiehda tiegħu Roderick Abela mill-bank rikorrent mhux biss sostna l-fondatezza tar-raġunijiet tal-bank għaliex istitwixxa l-proċediment odjern, iżda bil-konferma tiegħu tal-kontenut tal-ewwel u tat-tieni paragrafi tar-rikors promotur, u tad-dokumenti li jsostnu l-azzjoni, jirriżulta li l-bank rikorrent mhux biss huwa kreditur, u allura anke persuna nteressata, li tistitwixxi l-azzjoni odjerna, izda huwa wkoll kreditur b ipoteki favur tiegħu reġistrati kontra l-kumpannija debitriċi. B'hekk bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jerġa jidħol fir-reġistru l-bank rikorrent ċertament ikun jista jipproċedi bl-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv li diġa għandu kontra l-kumpannija debitriċi fug proprjeta ipotekata favur il-bank. Li allura jfisser li t-tgegħid mill-ġdid tal-kumpannija debitriċi fug ir-reġistru jissarraff'att ta ġustizzja sostantiva.'*

3. *Illi sussegwentement għall-provvediment mogħti fil-25 ta' Frar 2021, l-esponenti ħadet ħsieb li tressaq proċeduri legali biex tikkawtela l-pozizzjoni tagħha fil-konfront tal-kumpanija Standing Ovations Company Limited u cioe':*
   i. *Ili, fit-22 ta' Mejju 2023, is-soċjeta esponenti preżentat Rikors għall-ħruġ tả Mandat ta' Qbid fuq Hwejjeg Immobbli kontra Dr. Edric u Anne miżżewġin Bonello, garanti tal-istess soċjeta Standing Ovations Company Limited, liema Subbasta bin-numru 23/2023 tinsab appuntata għat-30 ta' April 2024, (Dok. "B");*
   ii. *Illi, fit-22 ta' Mejju 2023, is-soċjeta esponenti preżentat Rikors għall-ħruġ tả Mandat ta'qbid fuq Ħwejjeġ Immobbli kontra Dr. Edric u Anne miżżewġin Bonello, garanti tal-istess soċjeta Standing Ovations Company Limited, liema Subbasta bin-numru 24/2023 tinsab appuntata għat-30 ta' April 2024 (Dok. "C");*
   iii. *Illi, f1-14 ta' Settembru 2023, is-soċjeta esponenti preżentat Rikors għall-ħruġ tả Mandat ta' Qbid fuq Hwejjeġ Immobbli kontra Dr. Edric u Anne miżżewġin Bonello, garanti tal-istess soċjeta Standing Ovations Company Limited, liema Subbasta bin-numru*

*41/2023 tinsab appuntata għall-21 ta' Marzu 2024 (Dok. "D")*

4. *Illi l-esponenti għandha kull interess illi teżegwixxi l-atti ġudizzjarji hawn fuq imsemmija u dan stante illi l-interess li kien preżenti meta intavolat il-proċeduri legali skont ir-Rikors numru 65/2020 JZM għadhom jeżistu sal-ġurnata ta llum u fil-fatt -esponenti hija illum kreditriċi tas-soċjeta Standing Ovations Company Limited (C47085), fis-somma ta' mitejn u tlieta u ħamsin elf, seba' mija u tnejn u tletin Ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€253,732.59) flimkien ma' l-imghax legali dekorribbli mit-3 ta Frar 2024 sad-data tal-pagament effettiv;*

5. *Illi l-intimat Reġistratur tal-kumpaniji kien parti fil-proċedura legali numru 65/2020 JZM u għalhekk huwa ġia' ben konsapevoli tal-interess li tħossha aggravata li għandha s-soċjeta esponenti bit-tneħħija tas-soċjeta Standing Ovations Company Limited;*

6. *Illi minkeja dan kollu jirriżulta illi llum il-ġurnata għadda t-terminu ta' tlett snin illi ngħata minn Din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta bil-provvediment Tagħha sufferit tal-25 ta' Frar 2021 għar-rientegrazzjoni fir-Reġistru tal-Kumpaniji tas-soċjeta Standing Ovations Company Limited u għalhekk is-soċjeta esponenti kellha tressaq il-proċedura odjerna;*

7. *Illi s-soċjeta esponenti umilment tissottometti illi hija għandha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija Standing Ovations Company Limited (C 47085) tħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji a tenur tal-Artikolu 325(2) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk qed tressaq din l-azzjoni legali biex ai termini tal-artikolu A325(4) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta l-isem tas-soċjeta Standing Ovations Company Limited (C 47085) jerġa' jitqiegħed fuq ir-Reġistru sabiex l-esponenti tkun tista tezegwixxi I-pretensjonijiet tagħha fil-konfront tas-soċjeta Standing Ovations Company Limited (C 47085);*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 5 sa fol 32).

Rat **id-digriet** tagħha tal-4 ta' Marzu 2024, minn fejn jirriżulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tad-29 ta' April 2024 fid-9:30a.m., u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpaniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat in-nota tas-soċjeta' rikorrenti tal-11 ta' Marzu 2024 (fol 34) li permezz tagħha ppreżentat affidavit ta' **Johanna Bartolo** (fol 36 sa fol 38).

Rat illi r-Reġistratur tal-Kumpanniji kien notifikat fl-14 ta' Marzu 2024 (ara tergo ta` fol 39).

Rat illi fit-3 ta' April 2024, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ippreżenta **r-risposta** tiegħu (fol 42), li permezz tagħha, huwa sostna:

> *Illi in kwantu għall-meriti fattwali tal-kawża, peress illi l-esponenti m'hijiex edotta mill-fatti kollha kif dikjarati mir-rikkorrent, hija tirrimetti ruħha għall-ġudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti;*
>
> *Illi l-isem tas-soċjeta Standing Ovations Co Ltd, bin-numru ta' reġistrazzjoni C 47085 ġie reintegrat fuq ir-Reġistru permezz tal-provediment mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta nhar il-25 ta' Frar 2021 għal perjodu massimu ta' tlett snin. Dan sabiex il-Bank rikkorent ikun jista' jieħu l-passi kollha meħtieġa minnu sabiex jirkupra debitu pagabbli lilu mis-soċjeta msemmija;*
>
> *Illi fil-proċeduri preċedenti, l-Bank kien ipprova għas-sodisfazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, illi huwa mhux biss kien jikkwalifika bħala kreditur iżda bħala kreditur illi għandu reġistrati a favur tiegħu ipoteki kontra l-istess kumpanija debitriċi;*
>
> *Illi kien għalhekk illi r-rikkorent kien ingħata mill-istess Onorrabli Qorti terminu ta' tlett snin sabiex l-isem tas-soċjeta in kwistjoni jerġa jitqiegħed fuq ir-Reġistru sabiex ir-rikorrent ikun jista jipproċedi bl-eżekuzzjoni tad-drittijiet u privileġġi illi diġa kellu reġistrati favurih. L-istess Qorti kienet kompliet sabiex tikkwalifika talli tqiegħed bħala att ta' ġustizzja sostantiva;*
>
> *Illi skont dak li intqal fir-rikors odjern, il-Bank rikorrent f' dawn it-tlett snin imsemmija beda jieħu l-passi mistennija minnu u li l-liġi tipprovdilu sabiex jirkupra l-flus dovuti lilu iżda madanakollu t-*

*terminu mogħti fil-prattika ma kienx biżżejjed sabiex jirnexxielu jagħmel dan;*

*Illi għaldaqstant f' dawn iċ-ċirkostanzi partikolari r-Reġistratur ma toġġezzjonax illi l-isem tal-kumpanija Standing Ovations Co Ltd (C 47085) jerġa jitpoġġa fuq ir-Reġistru jekk dina l-Onorabbli Qorti tħoss illi din it-talba hija waħda ġustifikata;*

*Madanakollu r-Reġistratur tixtieq umilment tissolleva illi jekk dina l-Qorti jidrilha illi huwa xieraq u ġust illi l-isem tal-kumpanija jiġi reintegrat fuq ir-Reġistru , fis-sentenza tagħha għandha wkoll tiffissa direttivi ċari u terminu improrogabbli sabiex jinstab bilanċ ekwu bejn l-interessi tal-Bank rikorrent sabiex jitħallas dak l-ammont dovut lilu u dak tal-esponenti sabiex ma tibqax rinfaċċata b' kumpaniji li m'humiex in regola mal-Att dwar il-Kumpaniji għal zmien twil bla bzonn.*

Rat illi fl-udjenza tat-18 ta' Ottubru 2024 deher l-Avukat Dominic Cassar għall-Bank rikorrent u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur intimat.

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-18 ta' Ottubru 2024, xehed **Aldo Meli** prodott mill-Bank rikorrent u ppreżenta tliet (3) dokumenti (Dok AM1 sa Dok AM3). Rat ukoll it-talba tal-Bank rikorrent sabiex l-Qorti tieħu konjizzjoni tal-atti tas-subbasta msemmija fir-rikors promotur. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur tal-Bank rikorrent li m'għandux iktar provi x'jipproduċi.

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-18 ta' Ottubru 2024, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għal-lum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mil-Bank rikorrenti ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, u li permezz tagħha, il-Bank rikorrent jgħid illi permezz ta' deċiżjoni ta' din il-Qorti, diversament preseduta, tal-25 ta' Frar 2021 (Rik Nru 65/2020), din il-Qorti kienet ordnat ir-ravveviment tas-soċjeta' Standing Ovations Company Limited (C47085) għal perjodu ta' tliet (3) snin u dana wara rikors mressaq mis-soċjeta' rikorrenti ai termini tal-artikolu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta għar-raġunijiet kontenuti fl-istess deċiżjoni.

Jispjega li in segwitu għal dan, il-bank rikorrent intavola b'suċċess proċeduri fil-konfront tas-soċjeta' *de quo* u proċediet bi tliet (3) rikorsi sabiex jinħareġ

Mandat ta' Qbid sabiex jiġu maqbuda numru ta' propjetajiet immobbli sabiex jitħallas il-kreditu ta' ċirka mitejn u tlieta u ħamsin elf Ewro (€253,000) dovut lill-bank rikorrent, flimkien mal-imgħax dekoribbli mill-3 ta' Frar 2024.

Jgħid li l-intimat Reġistratur kien parti mill-proċeduri legali 65/2020JZM u għalhekk kien jaf bl-interess tal-bank rikorrent, li jħossu aggravat bid-deċiżjoni tar-Reġistratur intimat li reġa' neħħa lis-soċjeta' *de quo* minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji stante li għadda l-perjodu ta' tliet (3) snin.

Jispjega li għalhekk il-bank rikorrent ressaq il-proċeduri odjerni sabiex għal darb'oħra l-isem tas-soċjeta' Standing Ovations Company Limited (C47085) jerġa' jitqiegħed fuq ir-reġistru.

Fl-affidavit tagħha, **Johanna Bartolo** tgħid illi permezz ta' deċiżjoni ta' din il-Qorti, diversament preseduta, tal-25 ta' Frar 2021 (Rik Nru 65/2020) kienet ordnata ir-ravveviment tas-soċjeta' Standing Ovations Company Limited (C47085) għal perjodu ta' tliet (3) snin u dana wara rikors mressaq mill-bank rikorrent ai termini tal-artikolu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta għar-raġunijiet kontenuti fl-istess deċiżjoni.

Tispjega li in segwitu għal dan, il-bank rikorrent intavola b'suċċess proċeduri fil-konfront tas-soċjeta' *de quo* u proċeda bi tliet (3) rikorsi sabiex jinħareġ Mandat ta' Qbid sabiex jiġu maqbuda numru ta' propjetajiet immobbli sabiex jitħallas il-kreditu ta' ċirka mitejn u tlieta u ħamsin elf Ewro (€253,000) dovut lill-bank rikorrent, flimkien mal-imgħax dekoribbli mill-3 ta' Frar 2024.

Tgħid li l-intimat Reġistratur kien parti mill-proċeduri legali 65/2020JZM u għalhekk kien jaf bl-interess tal-bank rikorrent, li jħossu aggravata bid-deċiżjoni tar-Reġistratur intimat li reġa neħħa lis-soċjeta' *de quo* minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji stante li għadda l-perjodu ta' tliet (3) snin.

Tispjega li għalhekk il-bank rikorrent ressaq il-proċeduri odjerni sabiex għal darb'oħra l-isem tas-soċjeta' Standing Ovations Company Limited (C47085) jerġa' jitqiegħed fuq ir-reġistru. Issostni li l-bank rikorrent għandu interess li l-isem tas-soċjeta' *de quo* terġa titqiegħed fuq ir-reġistru.

Fix-xhieda tiegħu, **Aldo Meli** jgħid li jokkupa l-kariga ta' *Head of Litigation* bil-bank rikorrent. Jikkonferma li mill-25 ta' Frar 2021 ma sar ebda pagament mis-soċjeta' *de quo* lill-bank rikorrent.

Jispjega li wara li s-soċjeta' *de quo* reġgħet tpoġġiet fir-Reġistru tal-Kumpaniji, il-Bank ikkuntatja lill-klijent u pprova jasal għal soluzzjoni u kien hemm ftehim li

jitħallas l-ammont ta' disa' mitt elf Ewro (€900,000) għas-saldu sa Settembru 2022. Jgħid li dan il-ftehim kien ġie anke estiż minħabba li kienet ser tinbiegħ propjeta' tal-kumpanija u x-xerrej kien qed jitlob finanzjament mill-bank rikorrent stess.

Jispjega li finalment, minkejja diversi estensjonijiet, baqa' ma wasalx u għalhekk il-bank inizja tliet subbasti, liema subbasti saru kontra s-soċjeta' *de quo*, kontra Dr Edric u Anne Bonello bħala garanti tas-soċjeta' u oħra kontrihom personalment (Ref: 23/2023, 24/2023 u 41/2023 rispettivament). Il-propjeta' kienet tikkonsisti f'appartament f'San Pawl il-Baħar u garaxx taħtu. Jgħid li s-subbasta hija appuntata għad-19 ta' Novembru 2024. Jgħid li hemm propjeta' oħra li tikkonsisti f'dar fil-Kalkara li l-valutazzjoni tal-Qorti għadha ma saritx fir-rigward tagħha.

Jgħid li meta bdew is-subbasti, s-soċjeta' *de quo* kienet informata li l-bank rikorrent ma setax jibqa' jistenna l-ħlas u għalhekk kellu jipproċedi. Isostni li mill-bilanċ dovut baqa' ma tħallas xejn. Jispjega li s-somma ta' mitejn u sitta u erbgħin elf Ewro (€246,000) hija dovuta mill-kumpanija mentri hemm ammonti ferm oltre' li huma dovuti mis-sinjuri Bonello personalment.

In sostenn tax-xhieda tiegħu, ix-xhud ippreżenta numru ta' dokumenti li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-intimat Reġistratur isostni illi kellu kull raġuni valida fil-liġi biex jikkanċella l-kumpannija u għadda mill-proċeduri kollha li trid il-liġi sabiex sar dan. Filwaqt illi finalment jħalli f'idejn il-Qorti sabiex tiddeċiedi hi skont il-provi li jitressqu, b'danakollu r-Reġistratur intimat jirrimarka illi jekk kemm-il darba l-isem tal-kumpanija jidħol lura fir-reġistru, ir-Reġistratur m'għandux jispiċċa b'kumpaniji li m'humiex in regola mal-Att fuq ir-Reġistru għal żmien indefinit.

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta:**

> *Jekk <u>membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess</u> li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa'*

> *jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpannija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji terġa' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubbju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta l-kumpannija Standing Ovations Company Limited (C47085) ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Mill-atti jidher ċar illi l-bank rikorrent għandu proċeduri pendenti quddiem il-Qorti li jeħtieġu l-involviment ta' Standing Ovations Company Limited. Illi filwaqt illi l-intimat Reġistratur għandu raġun josserva illi jekk kemm-il darba l-kumpanija terġa' titpoġġa fuq ir-reġistru ai termini tal-Artiklu 325(4) xorta ser jissusistu l-fatturi li wasslu sabiex ir-Reġistratur neħħa kumpanija minn fuq ir-Reġistru – b'dana kollu kull każ storja u fil-każ odjern, il-bank rikorrent indika li l-kumpanija fil-fatt għad hemm il-bżonn li tibqa' attiva sabiex il-bank rikorrent ikun jista' jenforza id-drittijiet tiegħu fil-konfront tagħha.

Huwa għalhekk illi din il-Qorti, fid-deċiżjoni tagħha qed tieħu nota tal-fatt illi r-Reġistratur intimat kellu kull raġun illi jikkanċella isem il-kumpannija Standing Ovations Company Limited (C47085) minn fuq ir-Reġistru, pero` l-bank rikorrent għandu interess u jinsab sodisfatt dak li trid il-liġi biex huwa jitlob b'suċċess ir-ri-entegrazzjoni tal-kumpannija msemmija lura fuq ir-Reġistru.

***Il-Qorti trid tieħu spunt mill-fatti speci ta' dan il-kaz, li inċidentalment, mhux l-ewwel darba illi l-Qorti rrinfaċċjat kazijiet simili.***

***Qed issir referenza partikolari għal dawk il-kazijiet fejn kumpannija tkun giet ikkancellata minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji għal ragunijiet validi fil-liġi, imbaghad fuq talba li ssir, f'dal kazijiet minn kreditur, il-Qorti tirravvivha għall-perjodu ta' żmien peress illi hekk, fid-diskrezzjoni tagħha, jkun ġust illi jsir.***

***Jiġri xi drabi, illi ż-żmien konċess mill-Qorti sabiex il-kumpannija terġa' tkun fuq ir-Registru, anke jekk monka mir-rekwiziti li jagħmluha kumpannija sahna fuq ir-Registru imma biss biex il-kreditur jenforza drittijiet tiegħu, ma jkunx biżżejjed sabiex il-kreditur jottjeni d-drittijiet sħaħ tiegħu.***

***Ir-Registratur intimat jobdi l-ordni tal-Qorti biz-zmien li jkun ġie konċess, u ukoll peress illi l-kumpannija tibqa' monka mir-rekwiziti necessarji sabiex titqies kumpannija sahna fuq ir-Registru, il-kumpannija terga' titneħħa minn fuq ir-Registru.***

***U għalkemm ir-Registratur jkollu raġun jagħmel dan - nerġgħu bil-proceduri bhal dawn odjerni, fejn il-Qorti tkun trid terga' tagħmel l-evalwazzjoni tagħha u fid-diskrezzjoni taghha ssib il-bilanc gust.***

***Il-Qorti tqis illi l-legislatur u/jew ir-regolatur għandu jfittex sistema sabiex ikun hemm proċess eħfef u aktar spedit fl-interess tal-partijiet u fuq kollox ta' anqas konsum ta' ħin għall-Qorti. Dan qed jingħad ukoll peress illi, filwaqt illi din il-Qorti dejjem fittxet illi ma tħallix proceduri bhal dawn itulu, b'dana kollu kwalsiasi proceduri legali li jkunu pendenti bejn il-kreditur u l-kumpannija jkunu wieqfa sakemm jerga' jingħata provvediment – u għalhekk il-piz fuq il-Qrati huwa doppju, dak ta' proceduri dupplikati quddiem din il-Qorti tal-Kummerċ u dak ta' dewmien inutili quddiem Qrati oħra minħabba waqfien.***

***Għalhekk din il-Qorti ser tordna illi kopja ta' dan il-provvediment jintbagħat kemm lill-<u>Ministeru responsabbli mill-Ufficcju Malta Business Registry</u>, <u>lill-Ministeru responsabbli mill-Gustizzja</u> u kif ukoll lir-<u>Registratur tal-Kumpanniji</u> (inoltre' parti f'dawn il-proceduri), bil-għan illi tigi esplorata l-possibilita' ta' introduzzjoni ta' mekkanizmu gdid, b'intervent legislattiv jew mod iehor, fejn f'sitwazzjonijiet bħal dawn hawn fuq spjegati, ikun jista' jsir sempliċi rikors konġunt mill-kreditur u r-Registratur fl-atti tal-proceduri gja deċizi, b'dan illi ma jkunx necessarju ghall-Qorti illi tappunta r-rikors iżda tkun tista' tiddegretah in camera billi takkorda estensjoni tat-terminu konċess fil-provvediment originali. Ikun jispetta lill-kreditur illi mar-rikors jipprezenta prova dokumentali u/jew referenza tal-proċeduri li***

***jkunu għadhom pendenti, sabiex il-Qorti jkollha l-konfort illi ż-żmien oriġinarjament konċess ma jkunx inħela inutilment jew kappriċċozament.***

***Il-Qorti tispera illi dan is-suggeriment jew kwalsiasi suġġeriment iehor illi jista' jilħaq l-iskop tal-eliminazzjoni ta' proċeduri inutili, doppji u waqfien ta' proceduri legali band'ohra, jingħata widen fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-Gustizzja.***

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq ikkunsidrat, il-Qorti jidhrilha tqis illi għandha tilqa' t-talbiet tal-Bank rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax il-jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Standing Ovations Company Limited (C 47085)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpannija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **Standing Ovations Company Limited (C 47085)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpanniji għall-perjodu ta' ħames (5) snin, b'dan illi l-Bank rikorrent huwa mistenni illi jsegwi u wieħed jispera jiffinalizza kwalunkwe proċeduri neċessarji sabiex jikseb u jenforza kwalsiasi drittijiet kontra l-istess soċjeta` msemmija fiż-żmien hawnhekk konċess.

4. **Fir-raba' lok**, <u>tordna</u> illi l-Bank rikorrent għandu jibgħat lir-Reġistratur intimat, almenu darba f'sena mil-lum għall-perjodu hawnhekk konċess, nota anke elettronika, sabiex tigi inserita mir-Reġistratur fil-file tal-kumpannija, bi spjega ta' fiex waslu l-proċeduri pendenti bejn il-Bank rikorrent u l-kumpannija de quo.

5. **Fil-ħames lok**, <u>tordna</u> illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwasliasi spejjeż illi jista' jinkorri ir-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija **Standing Ovations Company Limited (C 47085)** fuq ir-Reġistru tal-kumpanniji u konsegwentament jerġa' jiġi kkanċellat l-istess isem kif hawn fuq deċiż, jkunu a karigu tal-Bank rikorrent.

**Finalment il-Qorti qed tordna illi, għar-raġunijiet hawn fuq msemmija, ir-Reġistratur tal-Qrati jibgħat kopja ta' din is-sentenza lill-Ministeru għall-Ekonomija u Industrija, lill-Ministeru għal Ġustizzja u lir-Reġistratur tal-Kumpanniji.**

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**